# Il-Ħuttafa

numru 125

Novembru - Diċembru 2014




€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Il-likeni donnhom ma jafux iħallu blata mikxufa! Iridu bilfors jaraw kif iżejnuha bid-disinji u l-kuluri.

# Ħej Ħuttaf...

editorjal

Jien u nikteb dan l-editorjal qed inħares barra mit-tieqa. Nieżla xita qliel bir-ragħad u qed iqum ir-riħ. U qed jidlam ukoll. U nibda naħseb f'dawk l-imsejknin pitirrossi u vjolini tax-xitwa hemm barra jtertru mxarrbin għasra fuq fergħa tixxejjer mar-riħ. Tiskanta kif jibqgħu ħajjin hux!

Imma fil-fatt mhux kollha jibqgħu ħajjin. Wara xi lejl xita u riħ l-għada spiss tara għasafar mejtin taħt is-siġar. Dawn ikunu kesħu wisq matul il-lejl għax ma kellhomx biżżejjed enerġija biex jibqgħu sħan. Is-soltu jiġrilhom hekk għax ma jkunux kielu biżżejjed fil-jiem ta' qabel.

Ħafna għasafar jieklu insetti, dud u brimb. Fir-rebbiegħa u s-sajf isibu kemm iridu imma fix-xitwa l-insetti jmutu jew jistaħbew. Għalhekk f'daż-żmien l-għasafar flok insetti jieklu frott irqiq (*berries*) u żrieragħ. Imma anke minn dawn mhux dejjem isibu biżżejjed.

**Aħna nistgħu ngħinuhom tgħid? U mela le!**

L-aħjar mod hu li narmawlhom *bird table* fil-bitħa, ġardina, bejt jew anke fil-gallerija. Sibu biċċa njama daqs dil-paġna, waħħluha ma' lasta ta' xkupa u deffsuha fil-ħamrija jew f'barmil ramel. Fuqha farrkulhom gallettini, qagħaq, ottijiet, anke skaduti ma jimpurtax. Ferrxulhom ponn kuljum u oqogħdu arawhom minn wara tieqa. Tgawdu intom u jgawdu żgur huma.

U issa aħjar nitfi l-kompjuter qabel ma tixwihuli xi sajjetta!

Il-Festi t-Tajba lilkom u lill-familja.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Victor Falzon

Jekk tħobbu tieħdu r-ritratti, għattu ħġieġa tat-tieqa b'biċċa karta kbira ħalli ma tkunux tidhru, u ħudu r-ritratti tal-għasafar minn toqba fil-karta. Jekk jiġukom tajbin ibagħtuhomlna ħalli nġibuhom f'*Il-Ħuttafa*.

## Mal-faċċata



Il-**Gawwija Rasha Kannella** (Black-headed Gull) hija waħda mill-iktar speċi ta' gawwi komuni li jidhru Malta. Aħna narawha l-iktar fil-libsa tax-xitwa, u għalhekk rasha daż-żmien tkun bajda (b'dabra skura wara għajnejha), mhux kannella kif jgħid isimha.

Ritratt ta' Aron Tanti

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Fejn norqod? | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Attività | 6 |
| Il-Buċaqq tax-Xitwa | 6 |
| Intervista mal-Ġarġir Abjad | 6 |
| Żewġ Ballerini | 7 |
| Arti u Ritratti | 8 |
| X'hemm ħażin? | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Tielgħa t-tempra | 9 |
| Il-Maqluba | 10-11 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €10 fis-sena.

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**



Reg.Vol.Org. VO/0052



©BirdLife Malta, Diċembru 2014



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Aron Tanti

# Fejn norqod?



Fir-rebbiegħa u fis-sajf l-Għasafar tal-Bejt jiġu jbejtu fil-ventilaturi tad-djar tagħna, u jrabbu familja ħelwa, forsi xi ftit storbjuża wkoll! Bil-lejl il-ġenituri jorqdu ħdejn iż-żgħar tagħhom.

Ella Beeson




Il-logo ta' Spot a Sparrow

Imma meta jgħaddi l-istaġun tal-bejta l-Għasafar tal-Bejt ma jibqgħux jorqdu mal-familja tagħhom biss. Fil-ħarifa jingħaqdu ma' Għasafar tal-Bejt oħrajn u jorqdu fi gruppi f'siġar folti.





Dawn is-siġar is-soltu jkunu għall-kenn f'xi pjazza jew triq bil-bini madwarha. Il-bini jilqgħalhom mir-riħ u t-temperatura qalb il-bini tkun iktar għolja milli fil-beraħ.

Dawn il-postijiet fejn jinġabru l-għasafar biex jorqdu ngħidulhom *roosts*. F'Malta għandna diversi minnhom, uħud kbar, oħrajn żgħar. Imma kemm għandna? U fejn qegħdin?






Biex insiru nafu fejn qegħdin dawn ir-*roosts* qed nitolbu lin-nies kollha ta' Malta biex jgħinuna! U għalhekk f'Novembru li għadda bdejna l-proġett **Spot A Sparrow**.



## Kif nieħu sehem fi **Spot a Sparrow**?



Faċli. Filgħaxija ma' nżul ix-xemx żomm widnejk miftuħin u ara tismax ħafna tpespis ġej minn ġo siġra jew grupp ta' siġar. Jekk f'dawn is-siġar tara wkoll ħafna għasafar deħlin u ħerġin qalb il-friegħi, ifisser li sibt *roost*.




Għidilna bir-roost li sibt. Idħol fl-Internet u mur fil-websajt **www.spotasparrow.org**. Ikklikkja din it-tabella u imla t-tagħrif dwar fejn sibt ir-*roost*. Il-websajt fiha ħafna tagħrif fuq l-Għasafar tal-Bejt. Fiha anke *recording* tal-istorbju li jkun hemm f'*roost* tal-Għasafar tal-Bejt.

Meta jispiċċa l-proġett f'Diċembru 2015 ħa nkunu tgħallimna liema huma l-iktar siġar u postijiet importanti għal sħabna l-Għasafar tal-Bejt. B'hekk inkunu nistgħu ninfurmaw lill-Gvern biex jiżgura li dawn il-postijiet jiġu protetti.



BirdLife Malta qed tmexxi dal-proġett flimkien mal-Fondazzjoni Inspire.

BirdLife MALTA inspire THE FOUNDATION FOR INCLUSION

Desirée Falzon



Aron Tanti

Jekk tara għasfur żgħir skur b'leħħa ħamra f'denbu meta jtir, dik tkun **Fjamma Sewda**. Narawha fix-xitwa u tħobb toqgħod fuq iċ-ċnut tal-bjut.



Victor Falzon

Xi **friefet il-lejl** (bħal dan il-pipistrell) jorqdu fi xquq tal-bini u rkejjen mudlama, u filgħaxija joħorġu jaqbdu l-baħrijiet u n-nemus li jinġibdu lejn id-dwal tat-triq.



Victor Falzon

Il-**likeni** (bħal dil-ġmiel ta' *Caloplaca*) jikbru ċatti fuq ċnut tal-bjut, speċjalment fi djar xi ftit antiki.



Victor Falzon

Il-**Ħanfusa tal-Kantina** tħobb postijiet dellin u umdi. Din il-ħanfusa timxi bil-mod u ma ttirx u għalhekk faċli għall-għasafar biex jaqbduha.

Il-**Ħurrieq** jikber waħdu f'ħafna ġonna. Is-sidien tad-djar spiss jeħilsu minnu imma l-Ħurrieq ukoll għandu postu fin-natura. Huwa l-ikel ta' diversi annimali żgħar, bħax-xagħat tal-Farfett tal-Ħurrieq.



Aron Tanti






Aron Tanti

Iż-**Żakak Abjad** jingħaraf għax jimxi flok jaqbeż, u denbu l-ħin kollu jbandlu 'l fuq u 'l isfel. Għalhekk bl-Ingliż jgħidulu *wagtail*.

Ambjenti u Residenti

# Urban

Desirée Falzon



Victor Falzon

Jekk tgħaddi minn ħdejn siġra jew arbuxell u tisma' l-ħoss *Ċxxx-ċxxx-ċxxx* ġej minnha x'aktarx li hemm **Bufula Sewda** qed twissik biex titlaq għax hemmhekk tagħha!



Aron Tanti

**L-Għasfur tal-Bejt** huwa komuni imma xorta interessanti. Araħ jiġġieled għall-ikel fuq xi *bird table* jew iġorr it-tiben għall-bejta. Fir-rebbiegħa r-raġel veru jisbieħ.



Victor Falzon

Il-**Ħażżien Aħmar** ibejjet f'kull xaqq li jsib, ħafna drabi taħt bankini u fi btieħi. Jieklu frak tal-ikel u żerriegħa u jġorruh f'serbut. Meta jtiru fis-sajf isiru l-priża ta' ħafna għasafar.

L-**Urban** huwa l-ħabitat li ħoloq il-bniedem bil-bini, id-djar, it-toroq u l-ġonna tiegħu. Għalkemm l-urban mhuwiex ambjent naturali xorta nsibu annimali u pjanti li jgħixu fih. Hemm xi speċi li adattaw tajjeb għall-urban u jgħixu fih f'numri sbieħ. L-urban huwa ħabitat tajjeb għall-annimali għax fih isibu biżżejjed x'jieklu, fosthom l-ikel li narmu, insetti u frott mill-ġonna, u anke ikel fuq il-*bird tables*. Isibu wkoll postijiet għall-kenn fejn jistrieħu u anke jbejtu. Il-bini għoli huwa perfett għall-bejta ta' ċerti għasafar bħar-Rundun. Min jaf, forsi xi darba jbejjet il-Bies!



Desirée Falzon

Il-**Gremxula** ssibha ħafna fil-ġonna tad-djar. Filgħodu toħroġ tixxemmex fuq xi ġebla għax għandha bżonn is-sħana tax-xemx qabel ma tmur tfittex l-insetti għall-ikel.

attività

# Ħarġa sat-tarġa

## Kontu tafu li Malta maqsuma fi tnejn? Mela xhiex!

Miljuni ta' snin ilu sar terremot u Malta nqasmet min-nofs. Imma l-biċċiet flok infirdu baqgħu flimkien, però nofs minnhom sfronda 'l isfel u n-nofs l-ieħor baqa' mperreċ fl-għoli. Malta ġiet qisha b'tarġa kbira ħafna minn naħa għall-oħra. Fl-attività li jmiss ħa mmorru fl-inħawi ta' din it-tarġa, fejn għad hemm kampanja sabiħa. Fost għasafar oħrajn għandna naraw il-**buċaqq tax-xitwa**, il-**pespus**, forsi anke xi **spanjulett** jissaqqar biex jurina kemm jaf itir!

**Qisu li narawkom eh!**




Data **Is-Sibt 24 Jannar 2015**
Ħin **2pm** sa **4.30pm**
Niltaqgħu **Ħdejn l-iskejjel San Anton u San Andrea** (L-Imselliet)
Merħba **membri kollha* u l-familja**

*Tfal ta' taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+)




## X'nista' nara tgħid?

Jason Aloisio

### Buċaqq tax-Xitwa

Common Stonechat — *Saxicola rubicola*

Wieħed mill-għasafar li naraw daż-żmien tas-sena huwa l-Buċaqq tax-Xitwa. Il-kelma *buċaqq* (jew *buċaqċaq*, kif jissejjaħ f'xi nħawi ta' Malta) hija imitazzjoni tal-għajta tiegħu li spiss jirrepeti, u li nistgħu nxebbħuha mal-ħoss li jagħmlu żewġ ġebliet imħabbtin ma' xulxin. Fih daqs Pitirross, għalkemm mhux imbaċċaċ daqsu. Ir-raġel u l-mara jingħarfu sew minn xulxin mill-kuluri tagħhom. Għalkemm aktar għandek ċans tarah fil-kampanja, ġieli tiltaqa' miegħu wkoll f'xi għalqa mdawra bil-bini.

Il-Buċaqq tax-Xitwa jħobb jitperreċ fuq xi zokk jew fergħa li tkun ftit għolja mill-art, bħal xi fergħa bużbież niexfa. Jagħmel dan biex minn hemm joqgħod għassa għall-insetti, li jiffurmaw parti sew mid-dieta tiegħu.

Dan l-għasfur ma jbejjitx f'Malta.



Victor Falzon

## Intervista ma' fjura




**Ġarġir Abjad**
White Mustard

Krista Camilleri

**Bonġu, donnok tħobbha l-kumpanija! X'hawn minnkom!**
Bonġu. Iva jien rari ssibni waħdi. Dejjem fi gruppi ngħixu, kultant għalqa nimlewha.

**Din l-għalqa qisha tapit abjad.**
Mela mela. Immaġina kemm ikel qed nipprovdu lill-friefet u n-naħal bil-fjuri tagħna, eh.

**Intom żeragħkom il-bidwi?**
Ħa ħa le x'żera' żera'! Aħna pjanti selvaġġi. Nikbru hawn għax ħamrija li titqalleb hija tajba għaż-żerriegħa tagħna.

**Imma żomm waħda. Meta l-bidwi jerġa' jqalleb il-ħamrija x'ħa jiġri? Iqaċċatkom kollha?**
Iva, imma aħna nagħmlu l-fjuri fix-xitwa. Sa ma tinħarat l-għalqa nkunu ilna li għamilna l-[1]imżiewet, tajjarna ż-żerriegħa u żarmajna.

**Kos, intom il-pjanti dejjem issibu xi mod kif tkampaw hux?**
Mhux dejjem. Intom il-bnedmin għandkom manija biex tqaċċtu u tbexxu fina l-pjanti. Ħafna pjanti saru rari jew inqerdu minħabba fikom.

**Veru. Af li jien mhux wieħed minnhom.**
Owkej, mela nibqgħu ħbieb.

**Grazzi u nsellimlek.**
Ċaw ċaw, ħabib.

[1]**miżwet.** Ringiela żerriegħa magħluqin fi speċi ta' tubu, eż. fulu. Bl-Ingliż *pod*









# Żewġ ballerini

Ritratti ta' **Aron Tanti**

Fir-riserva tal-Għadira bħalissa hemm żewġ Fjamingi. Għadhom żgħażagħ u għalhekk għadhom ma sarux roża. Kif taraw mir-ritratti, però, ġmielhom jagħtu spettaklu kuljum bil-mutetti bejniethom. Filli jtiru flimkien, filli jittantaw xi gawwi li jkun hemm, filli jissaraw bejniethom, filli donnhom jagħmlu passi tal-ballet! Insomma, fihom gost. Jekk tkunu dawk in-naħat fil-vaganzi, aqbżu qabża forsi jkunu għadhom hemm.







Il-Fjamingu (Greater Flamingo) mhux għasfur komuni f'Malta imma f'dawn l-aħħar snin sar jidher iktar spiss. Is-soltu tkun xi qatgħa sabiħa għaddejjin itiru matul ix-xatt, imma rari jieqfu hawn. Għaliex? L-ewwelnett għax f'Malta ftit hawn fejn dan it-tajr tal-għadajjar isib fejn jistrieħ. U t-tieni għax kważi dejjem isibu xi kaċċatur kawboj li jisparalhom.



arti

# Agħtih kulur



Victor Falzon

## Qabru
Freshwater Crab







Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa nġibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom imejl jew bil-posta*

*Materjal li jaslilna bil-posta ma nistgħux nibagħtuh lura.







Fjamingu
Matthew Attard (6)

Din il-ħarġa għall-Fjamingi ġiet mid-dehra!

# X'hemm ħażin f'din l-istampa???





Victor Falzon

TWEĠIBA

L-Orsijiet Bojod jgħixu fl-Artiku (lejn in-North Pole) u l-pingwini jgħixu fl-Antartiku (lejn is-South Pole). Allura ma jistgħux jiltaqgħu!

# Falko Żgħażagħ BirdLife Malta



## Ħbieb Falkuni

Fis-16 ta' Novembru morna ġurnata Kemmuna. It-temp inzerta xemxi u ideali għal mixja madwar il-gżira. Minbarra xi għasafar tax-xitwa u residenti li ssib hemmhekk, rajna ukoll **spanjulett** (kestrel), **għasfur ta' San Martin** (kingfisher) u **vjolin tal-faxx** (yellow-browed warbler). Dan tal-aħħar rari tarah f'Malta u għalhekk żammejna r-rekord li naraw għasfur mhux tas-soltu kull darba li nitilgħu Kemmuna! Konna grupp ta' 15-il persuna u kienet mixja mill-isbaħ f'post kwiet u uniku għan-natura.

Nixtieq nirringrazzja lil kull min ġie magħna fil-ħarġiet matul din is-sena li waslet biex tispiċċa. Nispera li naraw ħafna uċuh ġodda fl-attivitajiet li jmiss. Nieħdu ħafna gost niltaqgħu mal-membri u ħbieb ta' mparna.

Nawguralkom il-vaganzi u festi tajbin, u s-sena t-tajba. Narawkom fl-2016.

*Tim*

**Timothy Micallef**
Kordinatur Falko




Victor Falzon

## Mixja u Kwiżż

F'Jannar se nagħmlu mixja Wied Għajn Riħana, viċin Burmarrad. Bi ħsiebna nibdew wara nofsinhar, u wara ħa jkollna ċans għal kwiżż u ftit ħin nissoċjalizzaw f'Mount St Joseph li jinsab qrib. B'hekk nibdew sena ġdida flimkien b'din l-attività u nirrankaw għal iżjed mixjiet u esperjenzi fl-2016.

**Ikkuntattjawna għal iktar dettalji.**



Il-membri fuq Kemmuna mixjin lejn Torri Santa Marija

Kimberly Gauci



Il-membri jistrieħu għad-dell tar-ringing station tal-BirdLife f'Wied l-Aħmar

Kimberly Gauci

Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falko BirdLife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet.

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) **jew** lil Nick (**99809190**) **jew** ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**.

## Tielgħa t-tempra!





Joanna Incorvaja

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Maqluba



## Fejn qiegħda?

Il-Maqluba qiegħda f'tarf il-Qrendi

Is-sit Natura 2000 ta' din id-darba huwa differenti sew minn siti oħrajn li rajna s'issa – nistgħu ngħidu li huwa post uniku fil-Gżejjer Maltin. Qed ngħidu għall-Maqluba, u forsi l-isem diġà jagħtikom ħjiel ta' x'insibu hawnhekk.

## Sfrundata

Ilkoll tafu x'jiġifieri meta xi ħaġa tkun 'maqluba'. Tfisser xi ħaġa rasha 'l isfel, jew bil-kontra ta' kif suppost tkun. Fil-Maqluba hija l-art stess li hija 'maqluba'!

Immaġinaw ċirku kbir ta' art, bl-għelieqi u l-ħitan tas-sejjieħ b'kollox... li sfrondat 'l isfel f'daqqa.

Joanna Incorvaja



Il-flora tal-Maqluba tikber kemm fil-qiegħ kif ukoll mal-ġnub weqfin. Fir-ritratt jidhru, fost oħrajn, Deru, Kappar, Xebb, Liedna u (fil-qiegħ) Rand u Qasab Kbir.




Din hija struttura ta' [1]ġeomorfoloġija xejn komuni, li bl-Ingliż jgħidulha *doline* jew *solution subsidence structure*. M'aħniex ċerti kif iffurmat però nafu li xi darba fil-passat hawnhekk ċediet l-art b'kull ma kien hemm fuqha. Jista' jkun li ċeda s-saqaf ta' għar kbir taħt l-art, jew li l-ilma tax-xita (li jkun ftit aċiduż) biż-żmien dgħajjef il-blat. X'aktarx li kienu ż-żewġ proċessi flimkien li wasslu biex tifforma din l-istruttura.




## Ambjent rari

Jekk tiftakru konna diġà semmejna d-*dolines* meta tkellimna fuq id-Dwejra f'Għawdex, għax dawn jinstabu hemmhekk ukoll. Però d-*doline* tal-Maqluba hija ta' interess speċjali għax hija l-ikbar u forsi l-aħjar eżempju ta' dal-fenomenu li qiegħed bogħod mill-baħar, u għalhekk bi [2]flora u [3]fawna differenti milli nsibu max-xatt. Kif tistgħu tobsru din il-medda art 'maqluba' hija mhux biss spettakolari biex taraha, imma ffurmat ukoll ambjent tassew uniku għall-pjanti u l-annimali, b'kundizzjonijiet kennija, dellin u daqsxejn umdi, ambjent li ma tantx huwa komuni fil-Gżejjer Maltin.

## Flora u fawna rari

Fost il-pjanti li nsibu hawnhekk, hemm diversi siġar u arbuxxelli indiġeni, inkluż **rand**, **għargħar** (is-siġra nazzjonali), **ħarrub**, **deru**, **rummien**, **tin** u **xebb**. Din tal-aħħar, kif ġieli semmejna, hija [4]endemika għal Malta. Il-popolazzjoni tar-rand f'dan is-sit hija speċjalment importanti, għax ftit insibu rqajja' kbar hekk ta' din l-ispeċi fis-salvaġġ. Forsi tinnutaw ukoll li semmejna anke xi siġar tal-frott. Dan għaliex l-art tal-Maqluba kienet tinħadem, u x'aktarx kienu tħawlu diversi siġar għall-frott tagħhom. Fost speċi oħrajn










**In-Nemla tal-Maqluba**
*Strumigenys lewisi*

ta' pjanti li nsibu hawnhekk hemm **liedna**, **kappar**, **bajtar tax-xewk**, **żagħrun**, **qarn il-mogħża** u **ħannewija**, kif ukoll speċi ta' **garni**.

Minbarra din il-varjetà kbira ta' pjanti (inkluż ħafna speċi oħrajn li ma semmejniex hawnhekk), il-Maqluba hija wkoll importanti għal diversi **fungi**, inkluż speċi li huma rari ħafna fil-bqija tal-Gżejjer Maltin – ta' min jgħid, però, li ħafna fungi għad iridu jiġu studjati iktar fid-dettal. Il-fawna hija wkoll ta' interess; insibu **nemla** li tinstab biss hawnhekk, speċi ta' **bugħarwien** li nstabet l-ewwel hawnhekk, speċi ta' **ħnieżer l-art** li forsi huma endemiċi, speċi ta' **ħanfus** endemiċi u oħrajn x'aktarx endemiċi wkoll u anke ġodda għax-xjenza.

Naħseb taqblu miegħi li l-Maqluba żgur kien ħaqqha t-titlu ta' Sit Natura 2000!




*Torneuma maltense*
Bumunqar endemiku għal Malta

**¹ġeomorfoloġija.** L-istudju ta' kif l-elementi, iż-żmien u l-forzi tan-natura ħallew effett fuq il-blat u ffurmaw, per eżempju widien, għoljiet, għerien, muntanji, bajjiet, eċċ.
**²flora.** Il-ġabra ta' pjanti li jkunu jinsabu f'post, reġjun jew pajjiż.
**³fawna.** Il-ġabra ta' annimali li jkunu jinsabu f'post, reġjun jew pajjiż.
**⁴endemiku.** Pjanta jew annimal li jkunu jinsabu f'ċertu post u mkien iktar fid-dinja.




Il-Kappella ta' San Mattew qiegħda f'xifer il-Maqluba

## Dnubiet, terremoti, anġli u ġganti

**Stramberija bħall-Maqluba ma jistax ikun li ma ħakmitx l-immaġinazzjoni tal-bniedem. Fl-antik ix-xjenza kienet għadha ma spjegatx ħafna mill-fenomeni naturali. In-nies dak li ma kinux jifhmu kienu jivvintaw stejjer biex jispjegaw il-fenomeni naturali li jaraw. Leġġenda tgħid li fejn illum hemm il-ħofra tal-Maqluba darba kien hemm raħal. In-nies t'hemm kienu jgħixu ħajja ta' dnub, minkejja l-isforzi li kien jagħmel il-qassis (jew mara twajba) biex jirranġaw ħajjithom. Bħala kastig sar terremot, infetħet l-art u belgħet lir-raħal kollu. Baqgħet biss il-kappella mperrċa f'xifer il-ħofra, kif taraw fir-ritratt. Hemm min iżejjen il-ħrafa iktar u jgħid li mhux sfrundat l-art, imma tfaċċa anġlu (jew ġgant) li qala' r-raħal mill-art u waddbu lejn il-baħar. U fejn niżel... iffurmat Filfla! X'saħħa dik!**

# Tridu dal-ktieb?













## Idħol membru jew ġedded sena oħra fi **Klabb Ħuttaf** u jkun tiegħek!

Il-miżata ta' sħubija fi Klabb Ħuttaf għollejnieha ftit. Kienet ilha €7 mill-2005 u minn dak iż-żmien 'l hawn l-ispejjeż żdiedu sew. Żidnieha bi 25ċ fix-xahar. Għalhekk il-miżata l-ġdida issa qiegħda €10 fis-sena. Grazzi.